Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) GEORGE ABELA
President

6 ta’ Diċembru, 2011

ATT Nru. XXIII tal-2011

ATT biex jipprovdi għar-reġistrazzjoni ta’ persuni mixlija b’reati ta’ natura sesswali u persuni oħra mixlija li jkunu wettqu reati ta’ vjolenza gravi.

IL-PRESIDENT bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f’dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b’liġi dan li ġej:-

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta’ dan l-Att hu l-Att tal-2011 dwar Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f’dik id-data li l-Ministru tal-ġustizzja jista’ b’avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal finijiet differenti u għal disposizzjonijiet differenti ta’ dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"data rilevanti" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 7(4) ħlief fiċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikoli 19 u 21;

"entità rilevanti" tfisser kull istituzzjoni, stabbiliment jew organizzazzjoni li tipprovdi jew torganizza xi servizz jew attività li tinvolvi l-edukazzjoni, l-kura, l-kustodja, l-ħarsien jew it-trobbija ta' minuri;

"il-ġrajja preċedenti" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 8(2)(a);

"imwissi" tfisser imwissi minn pulizija jew minn uffiċjal ieħor ta' infurzar tal-liġi wara li l-persuna kkonċernata tkun ammettiet ir-reat;

"indirizz tad-dar" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 8(6);

"jittieħed fi sptar" tfisser jittieħed fi sptar skont l-artikolu 43 tal-Att dwar is-Saħħa Mentali;

Kap. 262.

"il-Kodiċi" tfisser il-Kodiċi Kriminali;

Kap. 9.

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja;

"miżmum fi sptar" tfisser miżmum fi sptar skont it-Taqsima IV tal-Att dwar is-Saħħa Mentali;

Kap. 262.

"nuqqas ta' sejba ta' ħtija" tirreferi għas-sitwazzjoni fejn persuna tinstab mhux ħatja ta' reat skedat minħabba fi stat ta' ġenn tagħha;

"ordni ta' notifikazzjoni" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 18(1);

"ordni ta' notifikazzjoni *interim*" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 21(2);

"ordni ta' *probation*" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-*Probation*;

Kap. 446.

"pajjiż" tinkludi territorju;

"il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 22(2) tal-Att dwar il-*Probation*;

Kap. 446.

"perjodu ta' notifikazzjoni" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 7(1);

"perjodu ta' *probation*" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar il-*Probation;* Kap. 446.

"persuna mixlija rilevanti" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 6(3);

"persuna reġistrata" tfisser persuna reġistrata fir-Reġistru;

"persuna soġġetta" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 13(6);

"qorti kompetenti" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 4(1);

"reat skedat" tfisser reat elenkat fl-Iskeda I;

"ir-Reġistratur" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 3;

"ir-Reġistru" tfisser ir-reġistru stabbilit skont l-artikolu 3;

"sanzjoni komunitarja" tfisser ordni ta' *probation*, ordni ta' servizz fil-komunità jew ordni ta' *probation* u servizz kif speċifikati fl-Att dwar il-*Probation*; Kap. 446.

"setgħa tal-ġenituri" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fil-Kodiċi Ċivili; Kap. 16.

"sorveljanza" tfisser sorveljanza skont ordni magħmula għal dak il-għan;

"żagħżugħ mixli" għandha t-tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 13(2).

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, persuna misjuba ħatja ta' reat li għalih tkun inħarġet ordni taħt l-Att dwar il-*Probation* li tqiegħed lill-persuna mixlija taħt sanzjoni komunitarja jew li tillibera lill-persuna mixlija jew għal kollox jew kondizzjonalment għandha, għall-finijiet ta' dan l-Att, tiġi meqjusa bħala persuna ħatja ta' reat. Kap. 446.

(3) Meta skont l-artikolu 1(2) jiġu stabbiliti ġranet differenti għall-bidu fis-seħħ ta' disposizzjonijiet differenti ta' dan l-Att, referenza f'kull disposizzjoni għad-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att għandha tinqara (bla ħsara għall-artikolu 19(4)) bħala referenza għad-dħul fis-seħħ ta' dik id-disposizzjoni.

Twaqqif ta' Reġistru.

3. (1) Ir-Reġistratur, il-Qrati Ċivili u Tribunali, hawnhekk iżjed 'il quddiem f'dan l-Att imsejjaħ "ir-Reġistratur", għandu jżomm reġistru li fih ikun imniżżel l-isem ta' kull persuna soġġetta għall-ħtiġiet ta' notifikazzjoni, flimkien ma' dawk id-dettalji li jkunu meħtieġa li jiġu notifikati, skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, kif ukoll kopja awtentika tas-sentenza rilevanti jew digriet tal-qorti, kif ikun il-każ.

(2) Kull reġistru kif msemmi fis-subartikolu (1) jista' jkun magħmul u jinżamm f'forma elettronika.

(3) Kull persuna reġistrata ma tkunx eliġibbli li tkun membru ta', jew li jkollha impjieg ma', jew li żżomm xi pożizzjoni oħra f'xi istituzzjoni, stabbiliment jew organizzazzjoni li tipprovdi jew li torganizza xi servizz jew attività li tinvolvi l-edukazzjoni, l-kura, l-kustodja, l-ħarsien jew it-trobbija tal-minuri, sew jekk is-sħubija, l-impjieg jew pożizzjoni oħra tkun bi ħlas, kif ukoll jekk le.

(4) Kull persuna reġistrata li tkun membru ta', jew impjegata ma', jew iżżomm pożizzjoni f'xi istituzzjoni, stabbiliment jew organizzazzjoni kif imsemmi fis-subartikolu (3), sew jekk is-sħubija, l-impjieg jew pożizzjoni oħra tkun bi ħlas kif ukoll jekk le, għandu jkollha s-sħubija, impjieg jew pożizzjoni tagħha mwaqqfa b'effett immedjat mingħajr ma dik il-persuna tkun intitolata għal xi kumpens ħlief għal xi ħlas li jista' jkun dovut lilha għas-servizzi mogħtija minnha sal-waqfien.

Talbiet għal informazzjoni mir-Reġistru.

4. (1) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, kull entità rilevanti għandha, mhux qabel sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att iżda mhux aktar tard minn tmintax-il xhar mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att, titlob lis-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja tal-Qorti Ċivili (Prim' Awla), minn hawn 'il quddiem f'dan l-Att imsejħa "il-qorti kompetenti", informazzjoni li tista' tkun reġistrata fir-Reġistru dwar kull persuna li tkun impjegata jew iżżomm xi pożizzjoni mal-istess istituzzjoni, stabbiliment jew organizzazzjoni sew jekk dak l-impjieg jew pożizzjoni jkun bi ħlas kif ukoll jekk le.

(2) Kull entità rilevanti li, bi ħlas jew le, tkun bi ħsiebha timpjega lil xi persuna jew li tafda lil xi persuna f'pożizzjoni f'dik l-entità għandha, qabel ma hekk timpjega jew tafda lil dik il-persuna, titlob mill-qorti kompetenti informazzjoni li tista' tkun reġistrata fir-Reġistru dwar dik il-persuna.

(3) L-entità rilevanti msemmija fis-subartikoli (1) u (2) tkun marbuta bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.

Kap. 440.

(4) Kull talba bħal dik għandha ssir permezz ta' rikors li

għandu jiġi notifikat lill-Avukat Ġenerali li għandu jkollu perjodu ta' sebat ijiem tax-xogħol biex iwieġeb.

(5) Il-qorti kompetenti tista' taħtar data għas-smigħ tar-rikors sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikors għandux jintlaqa' u d-data tas-smigħ għandha tkun notifikata lill-Avukat Ġenerali, li jista' jieħu sehem fis-smigħ.

(6) Jekk il-qorti kompetenti tilqa' r-rikors, hi għandha tidentifika l-informazzjoni li tista' tiġi żvelata u għandha tordna li dik l-informazzjoni tiġi mgħarrfa lir-rikorrent bil-miktub.

(7) Ir-Reġistratur tal-Qorti għandu jżomm notament separat ta' kull rikors preżentat taħt dan l-artikolu.

Reati.

5. (1) Kull persuna li tingaġġa, tħaddem jew timpjega xi persuna reġistrata ma' entità rilevanti jew li tassenja pożizzjoni lil xi persuna reġistrata ma' dik l-entità tkun ħatja ta' reat, u meta tinstab ħatja tista' teħel l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa erba' snin jew multa ta' mhux inqas minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500) imma mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien.

(2) Kull persuna li tkun id-direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili ta' entità rilevanti, kif ukoll kull persuna oħra li tista' tkun b'xi mod involuta fit-treġija tal-entità rilevanti, li ssir taf bit-twettiq ta' reat skedat li jsir fl-entità rilevanti li għaliha jappartjeni u li tonqos milli tirrapporta l-fatt lill-Kummissarju tal-Pulizija, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, l-istess piena msemmija fis-subartikolu (1) imnaqqsa bi grad.

Persuni soġġetti għall-ħtiġiet ta' notifikazzjoni.

6. (1) Persuna tkun soġġetta għall-ħtiġiet ta' notifikazzjoni taħt dan l-Att għaż-żmien imsemmi fl-artikolu 7 ("perjodu ta' notifikazzjoni") jekk dik il-persuna -

(a) tinstab ħatja ta' reat skedat:

Iżda l-Qorti tista', jekk jidhrilha li jkun hekk xieraq, tiddeċiedi li ma tissoġġettax persuna għall-ħtiġiet ta' notifikazzjoni jekk, fl-opinjoni tal-Qorti, il-każ ikun hekk jitlob;

(b) tinstab mhux ħatja ta' reat bħal dak minħabba fir-raġuni ta' ġenn;

(ċ) tkun instabet ħatja ta' reat mhux elenkat fl-Iskeda I iżda l-Qorti tkun tal-fehma li dik il-persuna misjuba ħatja tkun ta' theddida jew periklu għall-edukazzjoni, l-kura, l-kustodja, l-ħarsien jew it-trobbija ta' minuri u tordna r-reġistrazzjoni ta' dik

il-persuna fir-Reġistru.

(2) Meta xi qorti ta' prim'istanza ssib persuna ħatja ta' reat skedat, dik il-qorti għandha tordna li s-sentenza għandha, meta ssir definittiva, tkun notifikata lir-Reġistratur. Meta l-qorti tkun qorti tal-appell li tagħti sentenza li jkollha l-effett li tikkonferma jew tiddikjara persuna ħatja ta' reat kif msemmi qabel, dik il-qorti tal-appell għandha tordna li s-sentenza tiġi notifikata minnufih lir-Reġistratur.

(3) Persuna li fil-preżent tkun soġġetta għall-ħtiġiet ta' notifikazzjoni taħt dan l-Att għandha tkun magħrufa f'dan l-Att bħala "persuna mixlija rilevanti".

Perjodu ta' notifikazzjoni.

7. (1) Il-perjodu ta' notifikazzjoni għal persuna msemmija fl-artikolu 6(1) huwa l-perjodu fit-tieni kolonna tal-Iskeda II fin-naħa l-oħra tad-deskrizzjoni li tkun tapplika għal dik il-persuna.

(2) Meta persuna tkun taħt it-tmintax-il sena fid-data rilevanti, is-subartikolu (1) ikollu effett daqs li kieku minflok ir-referenza għal perjodu msemmi fl-Iskeda II kien hemm referenza għal nofs il-perjodu rilevanti hemm imsemmi.

(3) Meta persuna mixlija rilevanti taħt l-artikolu 6(1)(a) tkun ingħatat l-piena ta' priġunerija jew detenzjoni, u qabel ma jkun għalaq il-perjodu ta' notifikazzjoni għal dak ir-reat, terġa' tinstab ħatja ta' reat skedat sussegwentement u tingħata l-piena ta' priġunerija jew detenzjoni, is-subartikolu (1) għandu jkollu effett daqs li kieku l-persuna mixlija kienet ingħatat il-piena ta' priġunerija jew detenzjoni daqs it-total ta' dawk il-perjodi ta' priġunerija jew detenzjoni.

(4) F'dan l-Att, "id-data rilevanti" tfisser -

(a) fil-każ ta' persuna skont l-artikolu 6(1)(a) u 6(1)(ċ), id-data tas-sejba ta' ħtija; u

(b) fil-każ ta' persuna skont l-artikolu 6(1)(b), id-data ta' meta ġiet hekk misjuba mhux ħatja.

Notifikazzjoni inizjali.

8. (1) Persuna mixlija rilevanti għandha, fi żmien tliet ijiem li jibdew mid-data rilevanti, tgħarraf l-informazzjoni mniżżla fis-subartikolu (4) lir-Reġistratur.

(2) Is-subartikolu (1) ma japplikax għal persuna mixlija rilevanti dwar sejba ta' ħtija jew in-nuqqas ta' sejba ta' ħtija skont l-artikolu 6(1) jekk -

(a) minnufih qabel is-sejba ta' ħtija jew in-nuqqas ta'

sejba ta’ ħtija, il-persuna kienet soġġetta għall-ħtiġiet ta’ notifikazzjoni taħt dan l-Att bħala riżultat ta’ sejba oħra ta’ ħtija, nuqqas ta’ sejba oħra ta’ ħtija jew ordni ta’ qorti oħra (il-"ġrajja preċedenti");

(b) f’dak iż-żmien, il-persuna kienet għamlet notifika taħt is-subartikolu (1) dwar il-ġrajja preċedenti; u

(ċ) matul il-perjodu msemmi fis-subregolament (1), il-persuna tibqa’ soġġetta għall-ħtiġiet ta’ notifikazzjoni bħala riżultat tal-ġrajja preċedenti.

(3) Meta ordni ta’ notifikazzjoni jkun ingħatat dwar sejba ta’ ħtija jew in-nuqqas ta’ sejba ta’ ħtija, is-subartikolu (1) m’għandux japplika għal persuna mixlija rilevanti fir-rigward ta’ dik is-sejba ta’ ħtija, jew in-nuqqas ta’ sejba ta’ ħtija jekk -

(a) minnufih qabel ma tkun ingħatat l-ordni, il-persuna kienet soġġetta għall-ħtiġiet ta’ notifikazzjoni taħt dan l-Att bħala riżultat ta’ sejba oħra ta’ ħtija, nuqqas ta’ sejba oħra ta’ ħtija jew twissija jew ordni tal-qorti (il-"ġrajja preċedenti");

(b) f’dak iż-żmien, il-persuna kienet għamlet notifika taħt is-subartikolu (1) dwar il-ġrajja preċedenti; u

(ċ) matul il-perjodu msemmi fis-subregolament (1), il-persuna tibqa’ soġġetta għall-ħtiġiet ta’ notifikazzjoni bħala riżultat tal-ġrajja preċedenti.

(4) L-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) hija -

(a) id-data ta’ twelid tal-persuna mixlija rilevanti;

(b) in-numru tal-karta tal-identità jew tal-passaport tagħha;

(ċ) l-isem tagħha fid-data rilevanti u, fejn intużaw isem jew ismijiet oħra f’dik id-data, kull wieħed minn dawk l-ismijiet;

(d) l-indirizz tad-dar fid-data rilevanti;

(e) l-isem tagħha fid-data meta n-notifikazzjoni ingħatat u, fejn intużaw isem jew ismijiet oħra f’dik id-data, kull wieħed minn dawk l-ismijiet;

(f) l-indirizz tad-dar tagħha fid-data meta n-notifikazzjoni ingħatat; u

(g) l-indirizz ta' kull fond ieħor f'Malta fejn hi kienet tirrisjedi jew toqgħod regolarment, fid-data meta n-notifikazzjoni ingħatat.

(5) Biex jiġi stabbilit il-perjodu għall-finijiet tas-subartikolu (1), m'għandux jitqies iż-żmien li fih il-persuna mixlija rilevanti -

(a) kienet arrestata jew ittieħdet fil-kustodja permezz ta' ordni tal-qorti;

(b) kienet qed isservi piena ta' priġunerija jew detenzjoni;

(ċ) kienet qed tinżamm l-isptar; jew

(d) kienet barra minn Malta.

(6) F'dan l-Att, "indirizz tad-dar" tfisser, fir-rigward ta' kull persuna -

(a) l-indirizz tar-residenza prinċipali jew ewlenija tagħha f'Malta; jew

(b) meta ma jkollhiex residenza, l-indirizz jew lok ta' post f'Malta fejn hi tkun tinstab regolarment u, jekk ikun hemm iżjed minn post wieħed, wieħed minn dawk il-postijiet li l-persuna tista' tagħżel.

Tibdil fl-informazzjoni notifikata.

9. (1) Il-persuna mixlija rilevanti għandha, fi żmien tliet ijiem li jibdew minn meta -

(a) tuża isem għaliha li ma jkunx dak notifikat lir-Reġistratur taħt l-artikolu 8(1) jew dan is-subartikolu;

(b) tibdel l-indirizz tad-dar tagħha;

(ċ) tirrisjedi jew toqgħod, għal perjodu kwalifikat, f'xi post f'Malta li l-indirizz tiegħu ma jkunx ġie notifikat lir-Reġistratur taħt l-artikolu 8(1) jew dan is-subartikolu; jew

(d) tinħeles mill-kustodja fuq ordni tal-qorti jew tinħeles mill-priġunerija jew żamma fl-isptar,

tgħarraf lill-Pulizija b'dak l-isem, indirizz ġdid tad-dar, l-indirizz ta' dawk il-postijiet jew, kif ikun il-każ, il-fatt li hija nħelset, u, b'mod addizzjonali, l-informazzjoni mniżżla fl-artikolu 8(4).

(2) Notifikazzjoni taħt is-subartikolu (1) tista' tingħata qabel ma jintuża l-isem, qabel ma ssir il-bidla fl-indirizz tad-dar jew qabel

ma jintemm il-perjodu kwalifikat, iżda f'dak il-każ il-persuna mixlija rilevanti għandha wkoll tispeċifika d-data ta' meta l-ġrajja hija mistennija li sseħħ.

(3) Jekk notifikazzjoni tingħata skont is-subartikolu (2) u l-ġrajja marbuta magħha sseħħ fi żmien jumejn qabel id-data speċifikata, in-notifikazzjoni ma taffettwax id-dmir impost bis-subartikolu (1).

(4) Jekk notifikazzjoni tingħata skont is-subartikolu (2) u l-ġrajja marbuta magħha ma sseħħx sa tmiem perjodu ta' tliet ijiem li jibda fid-data speċifikata -

(a) in-notifikazzjoni ma taffettwax id-dmir impost bis-subartikolu (1); u

(b) il-persuna mixlija rilevanti għandha, fi żmien sitt ijiem mid-data speċifikata, tavża lill-Pulizija l-fatt li l-ġrajja ma seħħitx fi żmien tliet ijiem mid-data speċifikata.

(5) L-artikolu 8(5) japplika biex jiġi stabbilit il-perjodu ta' tliet ijiem imsemmi fis-subartikolu (1) u l-perjodu ta' sitt ijiem imsemmi fis-subartikolu (4)(b), hekk kif japplika biex jiġi stabbilit il-perjodu msemmi fl-artikolu 8(1).

(6) F'dan l-artikolu, "perjodu kwalifikanti" tfisser -

(a) perjodu ta' sebat ijiem; jew

(b) żewġ perjodi jew iktar, fi żmien tnax-il xahar, li meħudin flimkien jammontaw għal sebat ijiem.

Notifikazzjoni perjodika.

10. (1) Persuna mixlija rilevanti għandha, fi żmien sena wara kull ġrajja msemmija fis-subartikolu (2), tavża lir-Reġistratur bl-informazzjoni stabbilita fl-artikolu 8(4) sakemm f'dak il-perjodu ma tkunx tat notifikazzjoni taħt l-artikolu 9(1).

(2) Il-ġrajjiet li għalihom hemm riferenza fis-subartikolu (1) huma -

(a) id-dħul fis-seħħ ta' dan l-artikolu, iżda biss fil-każ ta' persuna li hija persuna mixlija rilevanti miż-żmien ta' dak id-dħul fis-seħħ;

(b) kull notifikazzjoni mogħtija mill-persuna mixlija rilevanti taħt l-artikoli 8(1) jew 9(1); u

(ċ) kull notifikazzjoni mogħtija minnha taħt is-

subartikolu (1).

(3) Meta l-perjodu msemmi fis-subartikolu (1) ikun, apparti dan is-subartikolu, jintemm waqt li s-subartikolu (4) jkun japplika għal persuna mixlija rilevanti, dak il-perjodu għandu jkun trattat bħala li jkompli sal-aħħar tal-perjodu ta' tliet ijiem li jibdew minn meta is-subartikolu (4) għall-ewwel darba jieqaf japplika għaliha.

(4) Id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu japplikaw għal persuna mixlija rilevanti jekk -

(a) tkun arrestata jew ittieħdet fil-kustodja permezz ta' ordni tal-qorti;

(b) tkun qed isservi piena ta' priġunerija jew detenzjoni;

(ċ) tkun qed tinżamm l-isptar; jew

(d) tkun barra minn Malta.

Safar barra minn Malta.

11. (1) Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jagħmel disposizzjonijiet li jeħtieġu li persuni mixlija rilevanti li jitilqu minn Malta, jew kull deskrizzjoni ta' dawk il-persuni -

(a) biex jagħtu skont ir-regolamenti, qabel ma jsiefru, notifikazzjoni taħt is-subartikolu (2);

(b) jekk sussegwentement jirritornaw f'Malta, jagħtu skont ir-regolamenti notifikazzjoni taħt is-subartikolu (3).

(2) Notifikazzjoni taħt dan is-subartikolu għandha tiżvela -

(a) id-data li fiha l-persuna mixlija ser titlaq minn Malta;

(b) il-pajjiż jew, jekk ikun hemm iżjed minn wieħed, l-ewwel pajjiż, li fih tkun ser issiefer u l-punt ta' nżul, stabbilit skont ir-regolamenti, f'dak il-pajjiż; u

(ċ) kull informazzjoni oħra, preskritta bir-regolamenti, li l-persuna mixlija jkollha fuq it-tluq tagħha minn jew ir-ritorn lura f'Malta jew il-movimenti tagħha barra minn Malta.

(3) Notifikazzjoni taħt dan is-subartikolu għandha tiżvela kull informazzjoni preskritta mir-regolamenti dwar ir-ritorn tal-persuna mixlija f'Malta.

(4) Ir-regolamenti magħmulin taħt is-subartikolu (1) jistgħu jagħmlu disposizzjonijiet differenti għal kategoriji differenti ta'

persuni.

Mod ta' notifikazzjoni u materji relatati.

12. (1) Persuna titqies li tkun tat notifikazzjoni taħt l-artikoli 8(1), 9(1) jew 10(1) billi -

(a) tattendi fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u t-Tribunali kif il-Ministru jista' jippreskrivi bir-regolamenti; u

(b) tagħti notifikazzjoni orali lill-uffiċjal ta' dak ir-Reġistru awtorizzat għal dak il-għan mir-Reġistratur.

(2) Kull notifikazzjoni taħt dan l-artikolu għandha tkun rikonoxxuta; u rikonoxximent taħt dan is-subartikolu irid isir bil-miktub u f'dik il-forma kif ir-Reġistratur jista' jordna.

Sorveljanza tal-ġenituri.

13. (1) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom japplikaw -

(a) għal persuna mixlija rilevanti taħt l-artikoli 6(1)(a) sa (ċ) jew 6(2);

(b) għal persuna soġġetta; jew

(ċ) għal intimat taħt is-subartikolu (4).

(2) Meta persuna li għaliha japplika dan is-subartikolu tkun taħt l-età ta' tmintax-il sena ("żagħżugħ mixli") -

(a) il-qorti li tieħu konjizzjoni tal-persuna mixlija rilevanti taħt is-subartikolu (1)(a); jew

(b) il-qorti li tordna lill-persuna soġġetta taħt is-subartikolu (1)(b); jew

(ċ) il-qorti li tisma' r-rikors tal-intimat skont is-subartikolu (1)(ċ),

tista' tordna li s-subartikolu (3) japplika fir-rigward ta' individwu ("il-ġenitur") li jkollu s-setgħa ta' ġenitur fuq iż-żagħżugħ mixli.

(3) Meta japplika dan is-subartikolu -

(a) l-obbligi li, apparti minn dan is-subartikolu, ikunu imposti bi jew taħt l-artikoli 8 sa 11 fuq iż-żagħżugħ mixli għandhom ikunu trattati minflok bħala obbligi fuq il-ġenitur; u

(b) il-ġenitur għandu jiżgura li ż-żagħżugħ mixli jattendi miegħu fir-Reġistru tal-Qrati Ċivili u t-Tribunali, meta tingħata notifikazzjoni.

(4) L-ordni taħt is-subartikolu (1) ikollha effett immedjat u tapplika -

(a) sakemm iż-żagħżugħ mixli jagħlaq it-tmintax-il sena; jew

(b) għal perjodu iqsar minn dak, kif il-qorti tista' tordna fil-ħin meta tagħti l-ordni.

(5) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħmel rikors quddiem il-qorti kompetenti għal ordni taħt is-subartikolu (1) fir-rigward ta' persuna mixlija rilevanti (l-"intimat") li hu raġonevolment jemmen li hi taħt it-tmintax-il sena.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "persuna soġġetta" tfisser persuna li tkun soġġetta għal ordni ta' notifikazzjoni jew ordni ta' notifikazzjoni *interim*.

Varjazzjoni, tiġdid u twettiq tas-sorveljanza tal-ġenituri.

14. (1) Persuna msemmija fis-subartikolu (2) tista' tagħmel rikors quddiem il-qorti kompetenti għal ordni sabiex tiġi varjata, imġedda jew imwettqa deċiżjoni mogħtija taħt l-artikolu 13(2).

(2) Il-persuni li hemm referenza għalihom fis-subartikolu (1) huma:

(a) iż-żagħżugħ mixli;

(b) il-ġenitur; u

(ċ) il-Kummissarju tal-Pulizija.

(3) Ir-rikors għandu jkun notifikat lill-persuni oħra, minbarra r-rikorrent, imsemmija fis-subartikolu (2) u l-qorti, wara li tisma' lir-rikorrent u (jekk ikunu jixtiequ) lill-persuni l-oħra msemmija fis-subartikolu (2), tista' tordna li tiġi varjata, imġedda jew imwaqqfa d-deċiżjoni dwar is-sorveljanza, kif il-qorti tqis xieraq.

Reati relatati ma' notifikazzjoni.

15. Kull min -

(a) jonqos, mingħajr raġuni valida, li jħares l-artikoli 8(1), 9(1), 9(4)(b), 10(1), jew 13(3)(b) jew xi ħtieġa imposta bir-regolamenti magħmula taħt l-artikolu 11(1); jew

(b) jgħarraf lill-Pulizija, b'mod li jkun jidher li hu konformi mal-artikoli 8(1), 9(1) jew 10(1) jew xi ħtieġa imposta bir-regolamenti magħmula taħt l-artikolu 11(1), xi informazzjoni li hu jkun jaf li hi falza,

ikun ħati ta' reat u jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija

għal żmien minn tliet xhur sa erba' snin jew multa ta' mhux anqas minn mitt euro (€100) u mhux aktar minn elf euro (€1,000), jew dik il-priġunerija u l-multa flimkien.

Ċertifikati.

16. (1) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) japplikaw meta f'kull żmien persuna tkun -

(a) misjuba ħatja ta' reat elenkat fl-Iskeda I; jew

(b) misjuba mhux ħatja minħabba fir-raġuni ta' ġenn.

(2) Jekk il-qorti li taħtha jew quddiemha l-persuna tinstab hekk ħatja jew tinstab mhux ħatja minħabba fir-raġuni ta' ġenn -

(a) tiddikjara fil-miftuħ -

(i) illi f'dak iż-żmien li fih hija kienet instabet ħatja jew tkun instabet mhux ħatja minħabba fir-raġuni ta' ġenn; u

(ii) illi r-reat inkwistjoni huwa reat elenkat fl-Iskeda I; u

(b) tiċċertifika illi dawk il-fatti kemm f'dak il-ħin jew sussegwentement,

iċ-ċertifikat ikun, għall-finijiet ta' dan l-Att, prova biżżejjed ta' dawk il-fatti.

Informazzjoni dwar ħelsien jew trasferiment.

17. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw għal persuna mixlija rilevanti li tkun qed isservi sentenza ta' priġunerija jew li tkun miżmuma fi sptar.

(2) Il-Ministru jista' permezz ta' regolamenti jagħmel disposizzjoni li teħtieġ li tingħata notifikazzjoni mill-persuna responsabbli għal persuna mixlija lil persuni preskritti mir-regolamenti, dwar kull darba li l-persuna mixlija tkun inħelset jew meta persuna differenti ssir responsabbli għall-persuna mixlija.

(3) Ir-regolamenti jistgħu jagħmlu disposizzjoni biex jistabilixxu min ikun meqjus bħala responsabbli għal persuna mixlija, għall-finijiet ta' dan l-artikolu.

Rikorsi u raġunijiet għal ordnijiet ta' notifikazzjoni.

18. (1) Il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jagħmel rikors quddiem l-Qorti tal-Maġistrati għal ordni taħt dan l-artikolu ("ordni ta' notifikazzjoni") dwar persuna (l-"imputat") jekk -

(a) jidhirlu li t-tliet kondizzjonijiet imsemmijin fis-subartikoli (2), (3) u (4) huma osservati fir-rigward tal-imputat;

u

(b) l-imputat jirrisjedi f'Malta jew il-Kummissarju tal-Pulizija jemmen illi l-imputat qiegħed f'Malta jew bi ħsiebu jiġi f'Malta.

(2) L-ewwel kondizzjoni hija li taħt il-liġi fis-seħħ f'pajjiż barra minn Malta -

(a) l-imputat instab ħati ta' reat rilevanti, sew jekk irċieva piena għal dak ir-reat u sew jekk le;

(b) qorti li jkollha ġurisdizzjoni taħt dik il-liġi tkun, fir-rigward ta' reat rilevanti, sabet lill-imputat mhux ħati għal raġuni ekwivalenti għal persuna li tinstab mhux ħatja minħabba fir-raġuni ta' ġenn;

(ċ) dik l-qorti tkun, fir-rigward ta' reat rilevanti, sabet lill-imputat mhux ħati għal raġuni ekwivalenti għal persuna li tinstab mhux ħatja għax tkun taħt diżabilità u wettqet l-att li tkun ġiet akkużata bih fir-rigward tar-reat; jew

(d) l-imputat ġie mwissi fir-rigward ta' reat rilevanti.

(3) It-tieni kondizzjoni hija li -

(a) l-ewwel kondizzjoni ntlaħqet minħabba sejba ta' ħtija, sejba ta' mhux ħati jew twissija li seħħet fid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att jew wara;

(b) l-ewwel kondizzjoni ntlaħqet minħabba sejba ta' ħtija jew sejba ta' mhux ħati li seħħet qabel dik id-data, iżda l-persuna rċeviet il-piena fir-rigward ta' dak ir-reat jew sejba ta' mhux ħati f'dik id-data jew wara, jew għadha trid tirċievi l-piena dwar dak ir-reat; jew

(ċ) l-ewwel kondizzjoni ntlaħqet minħabba sejba ta' ħtija jew sejba ta' mhux ħati li seħħet qabel dik id-data, iżda f'dik id-data l-persuna kienet, fir-rigward ta' dak ir-reat jew sejba, soġġetta taħt il-liġi fis-seħħ fil-pajjiż konċernat għal detenzjoni, kontroll jew kondizzjoni oħra ekwivalenti għal xi waħda minn dawk msemmija fis-subartikolu (2).

(4) It-tielet kondizzjoni hija li l-perjodu stabbilit fl-artikolu 8, kif modifikat bl-artikoli 19(2) u (3), fir-rigward ta' reat rilevanti ma jkunx skada.

(5) Jekk fir-rikors jiġi ppruvat li l-kondizzjonijiet imsemmija

fis-subartikoli (2) sa (4) ntlaħqu, il-qorti għandha tagħti ordni ta' notifikazzjoni.

(6) F'dan l-artikolu u l-artikolu 19, "ir-reat rilevanti" għandha l-istess tifsira mogħtija bl-artikolu 20.

Effett ta' ordnijiet ta' notifikazzjoni.

19. (1) Meta jkun sar ordni ta' notifikazzjoni -

(a) l-applikazzjoni ta' dan l-Att għall-imputat fir-rigward tas-sejba ta' ħtija, sejba ta' mhux ħati jew twissija li għalihom jirreferi l-ordni tkun soġġetta għall-modifikazzjonijiet imniżżla hawn aktar 'il quddiem; u

(b) bla ħsara għal dawk il-modifikazzjonijiet, l-imputat isir jew, kif ikun il-każ, jibqa' soġġett għall-ħtiġiet ta' notifikazzjoni ta' dan l-Att għall-perjodu ta' notifikazzjoni stabbilit fl-artikolu 8.

(2) Id-"data rilevanti" tfisser -

(a) fil-każ ta' persuna li hemm referenza għaliha fl-artikolu 18(2)(a), id-data tas-sejba ta' ħtija;

(b) fil-każ ta' persuna li hemm referenza għaliha fl-artikolu 18(2)(b) jew (ċ), id-data tas-sejba ta' mhux ħati;

(ċ) fil-każ ta' persuna li hemm referenza għaliha fl-artikolu 18(2)(d), id-data tat-twissija.

(3) Fl-artikolu 7 -

(a) riferenzi, ħlief fl-Iskeda II, għal persuna, jew persuna mixlija rilevanti, fi ħdan xi disposizzjoni tal-artikolu 6 għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala riferenzi għall-imputat;

(b) riferenzi għal ordni ta' kull deskrizzjoni għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala riferenzi għal xi kondizzjoni korrispondenti magħmula fir-rigward tal-imputat dwar ir-reat jew sejba ta' mhux ħati, liema reat l-ordni ta' notifikazzjoni jkun ingħata b'riferenza għalih;

(ċ) ir-riferenza għar-reati elenkati fl-Iskeda I għandha tinqara u tinftiehem bħala riferenza għar-reati rilevanti.

(4) Fl-artikoli 8 u 10, ir-riferenzi għad-data ta' dħul fis-seħħ għandhom jinqraw bħala riferenzi għad-data tan-notifika tal-ordni ta' notifikazzjoni.

Reati rilevanti.

20. (1) "Reat rilevanti" fl-artikoli 18 u 19 tfisser att li -

(a) ikkostitwixxa reat taħt il-liġi fis-seħħ tal-pajjiż konċernat; u

(b) kien jikkostitwixxi reat elenkat fl-Iskeda I, ħlief għar-reat imsemmi fil-paragrafu 6 tagħha, li kieku seħħ f'Malta.

(2) Att punibbli taħt il-liġi fis-seħħ f'pajjiż barra minn Malta jikkostitwixxi reat taħt dik il-liġi għall-finijiet tas-subartikolu (1), irrispettivament mid-deskrizzjoni tiegħu f'dik il-liġi.

(3) Bla ħsara għas-subartikolu (4), meta jsir rikors għal ordni ta' notifikazzjoni, il-kondizzjoni fis-subartikolu (1)(b) għandha titqies bħala li ntlaħqet sakemm, mhux iżjed tard minn dak iż-żmien li Regoli tal-Qorti magħmulin taħt dan l-artikolu jippermettu, l-imputat ma jkunx innotifika lir-rikorrent bl-ordni -

(a) li jgħid li, dwar il-fatti allegati dwar l-att konċernat, il-kondizzjoni fl-opinjoni tiegħu ma ntlaħqitx;

(b) li juri r-raġunijiet għall-opinjoni tiegħu; u

(ċ) li jeħtieġ li r-rikorrent jipprova illi l-kondizzjoni ntlaħqet.

(4) Il-qorti, jekk jidhrilha xieraq, tista' tippermetti lill-imputat li jeħtieġ li r-rikorrent jipprova li l-kondizzjoni ntlaħqet mingħajr in-notifikazzjoni ta' ordni taħt is-subartikolu (3).

Ordnijiet ta' notifikazzjoni *interim*.

21. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu japplikaw meta ma tkunx ingħatat deċiżjoni dwar rikors għal ordni ta' notifikazzjoni ("ir-rikors ewlieni").

(2) Ir-rikors għal ordni taħt dan l-artikolu ("ordni ta' notifikazzjoni *interim*") -

(a) jista' jsir fir-rikors ewlieni; jew

(b) jekk ikun sar ir-rikors ewlieni, jista' jsir mill-persuna li tkun għamlet dak ir-rikors, permezz ta' rikors ieħor lill-qorti li quddiemha jkun sar ir-rikors ewlieni.

(3) Il-qorti tista', jekk tqis hekk xieraq, tagħti ordni ta' notifikazzjoni *interim*.

(4) Ordni ta' notifikazzjoni *interim* -

(a) għandha effett biss għal perjodu fiss, speċifikat fl-ordni;

(b) tieqaf milli jkollha effett, jekk ma tkunx diġà hekk waqfet, meta tingħata d-deċiżjoni dwar ir-rikors ewlieni.

(5) Matul iż-żmien li l-ordni ta' notifikazzjoni *interim* ikollha effett -

(a) l-imputat ikun soġġett għall-ħtiġiet ta' notifikazzjoni ta' dan l-Att; u

(b) id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att japplikaw għall-imputat, bla ħsara għall-modifika stabbilita fis-subartikolu (6).

(6) Id-"data rilevanti" tfisser id-data tan-notifika tal-ordni.

(7) Ir-rikorrent jew l-imputat jistgħu jagħmlu rikors quddiem il-qorti li tkun tat l-ordni ta' notifikazzjoni *interim* biex l-ordni tiġi varjata, imġedda jew imwettqa.

Rikors għal ordnijiet ta' notifikazzjoni jew ordnijiet ta' notifikazzjoni *interim*.

22. Imputat jista' jagħmel rikors quddiem il-Qorti Kriminali għall-irtirar ta' ordni ta' notifikazzjoni jew ordni ta' notifikazzjoni *interim*.

Setgħa biex jiġu emendati l-Iskedi.

23. (1) Il-Ministru jista' b'ordni jemenda l-Iskedi I jew II.

(2) Kull emenda li taqa' taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) m'għandhiex tapplika għal sejba ta' ħtija, sejba ta' mhux ħati jew twissija qabel ma dik l-emenda jkollha effett.

(3) Emenda titqies li taqa' taħt id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) jekk dik l-emenda -

(a) iżżid reat;

(b) tneħħi l-limitu rigward reat; jew

(ċ) tibdel il-limitu b'dak il-mod li tikkwalifika reat kommess minn jew fuq persuna ta' età partikolari jew f'ċertu ċirkostanzi, jew li jirriżultaw f'kondizzjoni partikolari, li jaqa' taħt Skeda meta ġeneralment ma jkunx hekk inkluż f'dik l-Iskeda.

SKEDA I

(Artikolu 2)

Reati

Kodiċi Kriminali (Kap. 9.)

1. Artikoli 197(1) u (2), 198.

2. Artikolu 199 meta r-reat ikun kommess fuq minuri.

3. Artikoli 202, 203, 203A, 204, 204A, 204B, 204Ċ u 204D.

4. Artikolu 207 meta r-reat ikun kommess fuq minuri.

5. Artikoli 208A, 247A, 248D.

6. Artikoli 251A u 251B meta r-reat ikun kommess fuq minuri.

Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Kap. 31)

1. It-tieni proviso għall-artikolu 120A(2)(b)(ii) meta r-reat ikun kommess fuq minuri

Ordinanza dwar il-Qirda tal-Kummerċ fil-Prostituzzjoni (Kap. 63)

1. Artikolu 3 meta r-reat ikun kommess fuq minuri.

2. Il-proviso tal-artikolu 7(1).

Ordinanza dwar il-Mediċini Perkolużi (Kap. 101)

1. It-tieni proviso għall-artikolu 22(2)(b)(ii) meta r-reat ikun kommess fuq minuri.

SKEDA II

(Artikolu 7)

Deskrizzjoni tal-persuna mixlija rilevanti	Perjodu ta' notifikazzjoni
Persuna li, fir-rigward tar-reat, ingħatat il-piena ta' priġunerija għal għomorha jew għal żmien ta' 30 xahar jew iżjed	Perjodu indefinit li jibda mid-data rilevanti
Persuna li, fir-rigward tar-reat jew sejba ta' mhux ħati, ser tiġi rikoverata fi sptar	Perjodu indefinit li jibda minn dik id-data
Persuna li, fir-rigward tar-reat, ingħatat il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' iżjed minn 6 xhur iżda inqas minn 30 xahar	15-il sena li jibdew minn dik id-data
Persuna li, fir-rigward tar-reat, ingħatat il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' 6 xhur jew inqas	10 snin li jibdew minn dik id-data
Persuna li fil-każ tagħha jingħata ordni għal-libertà kondizzjonata jew ordni ta' *probation* għar-reat imwettaq	10 snin li jibdew mid-data tal-perjodu ta' libertà kondizzjonata jew il-perjodu ta' *probation*
Persuna fi ħdan l-artikolu 18(2)(d)	Sentejn li jibdew minn dik id-data
Persuna ta' xi deskrizzjoni oħra	5 snin li jibdew mid-data rilevanti, jew dak il-perjodu itwal kif il-Qorti tista' tiddetermina

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 416 tad-29 ta' Novembru, 2011.

MICHAEL FRENDO
Speaker

PAULINE ABELA
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati